# Aħbarijiet mill-Iskola

Il-Ġnien tal-Kmand



- F'dan ix-xahar ta' Frar nilqgħu magħna lit-tfal il-ġodda tal-Kindergarten li se jkunu ma' Ms. Azzopardi.
- Sabiex tkunu tistgħu ssegwu l-attivitajiet li jkunu qed isiru fl-iskola, tistgħu tidħlu fil-website-blog tagħna li qed ikun aġġornat. L-indirizz tiegħu huwa sbc.qrendi.skola.edu.mt
- Kull nhar ta' Tlieta waqt l-Assembly qegħdin nagħmlu l-Brain Gym flimkien mal-għalliema tal-P.E. Ms. Zahra li jikkonsisti f'numru ta' eżerċizzji li jippreparaw lit-tfal għal kumplament tal-ġurnata.
- Saret laqgħa għall-Ġenituri tal-Year 1 dwar il-Fonetika, sabiex il-ġenituri jkunu jistgħu jgħinu lill-uliedhom.
- Fid-19 ta' Jannar, is-Sur David Schembri kellem lit-tfal waqt l-Assembly sabiex iħajjarhom jingħaqdu fl-Iscouts.
- Saru l-Awdizzjonijiet għall-Festa Ħiliet u ġie deċiż li se jieħdu sehem żewġ gruppi: żifna "Music (was my first love)" u Blacklight "Orinoco Flow".
- Għal Jum it-Tifkira tal-Olokawst tkellimna fl-Assembly u t-tfal il-kbar raw il-film "The Boy in the striped pyjamas" li jittratta l-istess tematika.
- Fis-27 ta' Jannar iċċelebrajna Arbor Day (Jum is-Siġar) u t-tfal tal-iskola kollha ħarġu flimkien sabiex żaru l-Ġnien tal-Kmand. Is-Surmast spjega l-istorja tal-post u dwar it-tipi ta' siġar differenti li nsibu fih.
- Matul ix-xahar ta' Frar se jkollna l-eżamijiet għal Years 4, 5 u 6 fejn naraw il-progress li qed ikollhom l-istudenti fit-tagħlim tagħhom.
- Sabiex niċċelebraw il-Karnival, nhar il-Ġimgħa 17 ta' Frar se ntellgħu attività fis-sala tal-iskola fejn it-tfal jiddevertu flimkien.

# Coffee Morning

**SPEĊJALI GĦAL SAN VALENTINU**

**POST: ALFRESCO B'BUĠIA**

**META: NHAR L-ERBGĦA 8 TA' FRAR 2012**

**PREZZ: Trasport = €4.00 (fit-8:30am ħdejn l-iskola)**
***Ikel tistgħu tagħżlu u tħallsu dak il-ħin***

**Biex tinkitbu kellmu lill-membri tal-Kunsill Skolastiku jew għand *Maria Stationery* sa nhar il-Ġimgħa 3 ta' Frar.**

*JINGĦATA RIGAL ŻGĦIR TAL-OKKAŻJONI*